Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0097

In-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta’ ċerta merkanzija

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-26 ta’ Marzu 2026 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija (COM(2025)0472 – C10-0192/2025 – 2025/0260(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli, skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0070/2026).

Emenda 1
Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Sabiex jiġi evitat tfixkil u tkompli tittejjeb ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment mal-Istati Uniti, fis-16 ta' Diċembru 2020, l-Unjoni adottat ir-Regolament (UE) 2020/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ***ċerta merkanzija***, ***b'mod partikolari ċerti tipi ta' awwista***, ***applikabbli*** mill-1 ta' Awwissu 2020***. Dak ir-Regolament skada fil-31 ta'*** Lulju 2025.	(2) Sabiex jiġi evitat tfixkil u tkompli tittejjeb ir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment mal-Istati Uniti, ***l-Unjoni u l-Istati Uniti qablu fuq id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar Ftehim dwar it-Tariffi, li tħabbret fil-21 ta' Awwissu 2020, li abbażi tagħha l-Unjoni impenjat ruħha li telimina t-tariffi fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti abbażi tal-awwista ħajja u ffriżata mill-Istati Uniti u, bi skambju, l-Istati Uniti impenjaw ruħhom li jnaqqsu b'50 % l-kwoti tariffarji tagħhom fuq ċerti prodotti esportati mill-Unjoni tal-valur kummerċjali medju annwali ta' USD 160 miljun, inklużi ċerti ikliet ippreparati, ċerti oġġetti tal-ħġieġ tal-kristall, trabijiet propellanti, lajters tas-sigaretti u partijiet tal-lajters. Bil-għan li tiġi implimentata dik id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-2020,*** fis-16 ta' Diċembru 2020, l-Unjoni adottat ir-Regolament (UE) 2020/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ***bażi erga omnes***, ***fuq għadd limitat ta' oġġetti, inklużi prodotti tal-awwista ħajjin u ffriżati li joriġinaw mill-Istati Uniti***, ***għall-perjodu*** mill-1 ta' Awwissu 2020 ***sal-31 ta'*** Lulju 2025.
[1] Ir-Regolament (UE) 2020/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-	[1] Ir-Regolament (UE) 2020/2131 tal-Parlament Ewropew u tal-

Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija (ĠU L 430, 18.12.2020, p. 1–4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2131/oj).	Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2020 dwar l-eliminazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija (ĠU L 430, 18.12.2020, p. 1–4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2131/oj).

Emenda 2
Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għaldaqstant, ***id-dazji*** doganali fuq l-importazzjonijiet tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness jenħtieġ li ***japplikaw f’livell ta’ 0 % sakemm l-Istati Uniti jkunu qed jimplimentaw b’mod effettiv id-Dikjarazzjoni Konġunta***.	(4) Għaldaqstant, ***biex jiġi evitat tfixkil fil-kummerċ, is-sospensjoni tad-dazji*** doganali fuq l-importazzjonijiet tal-oġġetti kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM elenkati fl-Anness jenħtieġ li ***tapplika b’mod retroattiv mill-1 ta’ Awwissu 2025 sal-31 ta’ Diċembru 2028***.

Emenda 3
Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jiżguraw li l-prodotti li jibbenefikaw minn dazji doganali ta’ 0 % fil-fatt joriġinaw mill-Istati Uniti u ma jiġux esportati mill-ġdid jew ittrasportati minn pajjiżi terzi, sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet tariffarji.

Emenda 4
Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jiġu ***żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta'*** dan ir-Regolament, jenħtieġ li ***jiġu konferiti setgħat*** ta' ***implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex*** tissospendi ***n-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali f'ċirkostanzi speċifiċi***. ***Jenħtieġ*** li ***dawn is-setgħat*** jiġu ***eżerċitati*** f'konformità ***mal-proċedura ta' eżami prevista fir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill3***.	(5) Sabiex jiġu ***sospiżi, kompletament jew parzjalment, il-preferenzi tariffarji mogħtija minn*** dan ir-Regolament, jenħtieġ li ***tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emenda*** ta' ***dan ir-Regolament bil-għan li*** tissospendi***, kompletament jew parzjalment, l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament***. ***Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u*** li ***dawk il-konsultazzjonijiet*** jiġu ***mwettqa*** f'konformità ***mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet3***. ***B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament*** Ewropew u ***l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin*** li ***jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri,*** u ***l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija*** ta' ***atti delegati.***
3 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u ***tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011*** li ***jistabbilixxi r-regoli*** u ***l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta'***	***3*** ĠU L ***123***, ***12.5.2016***, p. ***1***, ELI: http://data.europa.eu/eli/***agree_interinstit/2016/512/oj.***

kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' ***implimentazzjoni (***ĠU L ***55***, ***28.2.2011***, p. ***13***, ELI: http://data.europa.eu/eli/***reg/2011/182***/oj***).***

Emenda 5
Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Sat-30 ta' Ġunju 2028, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika rapport ta' evalwazzjoni komprensiv dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-produtturi tal-Unjoni, il-bilanċ kummerċjali bilaterali tal-merkanzija bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti, inkluża analiżi ta' f'liema setturi d-dipendenza tas-suq tal-Unjoni fuq merkanzija li toriġina mill-Istati Uniti żdiedet jew naqset, u tal-impatt fuq il-baġit tal-Unjoni u l-finanzi tal-Istati Membri. Jekk ikun il-każ, dak ir-rapport jenħtieġ ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-estensjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-implikazzjonijiet ta' dan ir-Regolament fuq il-baġit tal-Unjoni ġew ivvalutati⁺ skont l-Artikolu 310(4) tat-Trattat

dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li jiġu allokati biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għall-implimentazzjoni tiegħu, filwaqt li jitqies l-impatt tal-finanzjament tiegħu fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni u tiġi żgurata l-kompatibbiltà tiegħu mal-qafas finanzjarju pluriennali, is-sistema tar-riżorsi proprji u l-ftehim interistituzzjonali korrispondenti, kif ukoll mal-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

_____

[+] *Pro memoria: Valutazzjoni baġitarja tal-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2025 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar in-nuqqas ta' applikazzjoni tad-dazji doganali fuq ċerta merkanzija (COM(2025)0472).*

[1] *Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).*

Emenda 7
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta ***att***	Il-Kummissjoni ***għandha s-***

ta' implimentazzjoni li ***jissospendi*** kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:	***setgħa li*** tadotta***, f'konformità mal-Artikolu 3a, atti delegati*** li ***jemendaw dan ir-Regolament sabiex tissospendi*** kompletament jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

Emenda 8
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) meta l-Istati Uniti jimponu dazji addizzjonali fuq il-merkanzija importata mill-Unjoni li jaqbżu l-limitu tariffarju ta' 15 % jew jimmodifikaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti bl-effett li jgħollu l-livell tariffarju;

Emenda 9
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn ikun hemm biżżejjed indikazzjonijiet li l-Istati Uniti se jaġixxu bil-mod imsemmi fil-punt (a) fil-futur;	(b) fejn ikun hemm biżżejjed indikazzjonijiet li l-Istati Uniti se jaġixxu bil-mod imsemmi fil-punt (a) ***jew fil-punt (aa)*** fil-futur;

Emenda 10
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) meta tkun seħħet bidla fiċ-ċirkostanzi oġġettivi fir-rigward ta' dawk eżistenti fiż-żmien meta nħarġet id-Dikjarazzjoni Konġunta.	(c) meta tkun seħħet bidla fiċ-ċirkostanzi oġġettivi fir-rigward ta' dawk eżistenti fiż-żmien meta nħarġet id-Dikjarazzjoni Konġunta***, b'mod partikolari***

	fir-rigward ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji fundamentali tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, kif ukoll theddid għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, inkluż l-integrità territorjali tagħhom u d-dimensjoni ekonomika tagħhom, u għall-politiki barranin u ta' difiża tagħhom.

Emenda 11
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' ***eżami msemmija fl-Artikolu 3(2)***.	***Meta l-Kummissjoni tissospendi parzjalment l-applikazzjoni tal-Artikolu 1, għandha temenda l-Anness billi tirrestrinġi l-kamp*** ta' ***applikazzjoni tal-merkanzija koperta***.

Emenda 12
Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-att ta' implimentazzjoni msemmi*** fil-paragrafu 1 ***għandu japplika*** sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1.	2. ***L-atti delegati msemmija*** fil-paragrafu 1 ***għandhom japplikaw*** sakemm jippersistu ċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2028. Jekk il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet li jiġġustifikaw is-sospensjoni ma għadhomx japplikaw, għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 3a biex temenda l-Anness ta' dan ir-Regolament***

	bil-għan li terġa' ddaħħal l-applikazzjoni tal-Artikolu 1 jew, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, biex temenda l-Anness b'konsegwenza ta' dan.

Emenda 13
Proposta għal regolament
Artikolu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 3	***imħassar***
Proċedura ta' kumitat	
1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ stabbilit permezz tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].	
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.	

[4] Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2

015/1843/oj).

Emenda 14
Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Eżerċizzju tad-delega
	1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
	2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 2 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] sal-31 ta' Diċembru 2028.
	3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
	4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil

Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 15
Proposta għal regolament
Artikolu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 4a
	Evalwazzjoni u rapportar
	1. Sa ... [6 xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ta' evalwazzjoni proviżorju dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament;
	2. Sat-30 ta' Ġunju 2028, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ta' evalwazzjoni komprensiv dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament. Dak ir-rapport

	għandu wkoll jivvaluta l-andament tar-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment għall-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejn l-Unjoni u l-Istati Uniti mill-1 ta' Awwissu 2025.
	3. Meta jkun xieraq, ir-rapport imsemmi f'paragrafu 2 għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-estensjoni tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
	4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati, regolarment u fil-ħin, dwar l-iżviluppi rilevanti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 16
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2025.	Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2025 ***sal-31 ta' Diċembru 2028***.